# Il-Kappella ddedikata lil Sant'Anna fid-Dwejra Għawdex

Sandro Portelli



Fil-kosta tal-Punent t'Għawdex, fil-parroċċa ta' San Lawrenz, insibu d-Dwejra, waħda mill-iktar monumenti naturali u spettakolari f' Malta li fiha l-Baħar Intern, il-Ġebla tal-Ġeneral, il-Bajja tad-Dwejra, u sas-sena l-oħra t-Tieqa.

Dwejra, li bil-Malti tfisser "dar żgħira", kisbet l-isem tagħha minn dar ċkejkna mibnija fuq l-irdumijiet tal-baħar intern. Iż-żona għandha karatteristiċi ġeoloġiċi rari kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar. Waqt li nħarsu lejn il-bajja hemm kappella ddedikata lil Sant' Anna, mibnija fl-1963 fuq is-sit ta' knisja antika.

Il-kappella tad-Dwejra kienet l-aħħar waħda li nbniet fil-kampanja f'Għawdex, bit-tħabbrik tar-Rev. Dun Alwiġ Mizzi. Din ġiet iddisinjata minn Joseph Mizzi li kien minn San Lawrenz u kienet ġiet tiswa Lm1,350. Il-kappella kienet imbierka fil-25 ta' Lulju 1963. Fl-1980, saru xi tibdiliet fuq il-faċċata.



Din il-kappella hija mibnija fuq stil modern b'kampnar wieħed fiċ-ċentru tal-faċċata. L-istil modern huwa wkoll evidenti fuq ġewwa tal-kappella li jikkonsisti f'kamra rettangolari b'saqaf ċatt. It-titular tal-kappella nbidel tliet darbiet matul iż-żmien. L-ewwel wieħed kien tal-pittur Carmelo Fenech illi kien Salesjan fl-Italja. Peress li Dun Alwig Mizzi, li kien ir-rettur li bena l-kappella kien salesjan, l-għażla kienet naturali li jqabbad artist mill-kongregazzjoni tiegħu. Din saret fil-bidu tal-kappella jiġifieri fl-1963. Minħabba l-ħsara li ġarbet

matul is-snin, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Mikiel Borg fl-1989, ikkummissjona lill-artist Xagħri is-Sur Ninu Apap biex jagħmel titular ġdid li turi lil Sant'Anna tgħallem lill-bintha l-Verġni Marija. Kien imbagħad fl-2013, meta l-Kappillan Dun Nazju Borg irrestawra l-kappella u mill-ġdid biddel it-titular għal dak li hemm illum, li huwa fuq stil tal-Ikoni Griegi li ġiet impittra mill-artist Dun Roberto Gauci. Fuq il-ħitan tal-ġnub oriġinarjament kien hemm żewġ pitturi, waħda ta' San Lawrenz u l-oħra tat-twelid tal-Madonna, li m'għadhomx imwaħħlin hemm, fill-fatt ilhom snin li tneħħew. Dawn il-pitturi antiki jinsabu miġbura fil-knisja parrokkjali, iżda mhumiex għal wiri tal-pubbliku. L-istatwa ta' Santa Anna hija xogħol l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi. Fid-Dwejra l-festa ta' Sant' Anna tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju.



